

Paġna ewlenija > Leġiżlazzjoni u każistika > Bażi tad-Data dwar il-Liġi tal-Konsumatur > Id-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali (2005/29)

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [en](#) għiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

I-Ingliż

Swipe to change

Id-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali (2005/29)

X'INHU L-GĦAN TAD-DIRETTIVA?

Tiddefinixxi l-**prattiċi kummerċjali** żleali min-negozji għall-konsumatur li huma pprojbiti fl-Unjoni Ewropea. Tapplika għal kull att jew ommissjoni relatati direttament mal-promozzjoni, mal-bejgħ jew mal-forniment ta' prodott min-negozjant lill-konsumaturi. Għalhekk tiproteġi l-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi qabel, matul u wara li tkun saret tranżazzjoni kummerċjali.

Tiżgura l-istess livell ta' protezzjoni għall-konsumaturi kollha irrispettivament mill-post minn fejn ikunu xtraw jew fejn sar il-bejgħ fl-UE.

PUNTI EWLENIN

Il-prattiċi kummerċjali żleali huma dawk li:

jmorru kontra r-reqwiżiti ta' diliġenza professjonali* u;

huma probabbli li joħolqu distorsjoni materjali fl-imġiba ekonomika tal-konsumatur medju*.

Ċerti konsumaturi jgawdu minn livell ta' protezzjoni oġġla minnha bba l-vulnerabilità partikolari tagħhom għall-prattika jew il-prodott, l-età tagħhom (tfal jew anzjani), l-inġenwinità tagħhom jew il-mard mentali jew fiżiku tagħhom.

Id-direttiva tiddefinixxi 2 kategoriji speċifiċi ta' prattiċi kummerċjali li huma partikolarment żleali: **prattiċi kummerċjali qarrieqa** (permezz ta' azzjoni jew ommissjoni) u **prattiċi kummerċjali aggressivi**.

Prattiċi kummerċjali qarrieqa

Azzjonijiet qarrieqa

Prattika hija qarrieqa jekk ikun fiha tagħrif falz u mhux veritier jew li huwa probabbli li jqarraq bil-konsumatur medju, anke jekk it-tagħrif jista' jkun korrett, u li għiegħlihom jieħdu deċiżjoni transazzjonali li ma kinux jieħdu f'ċirkostanzi oħra. Eżempji ta' azzjonijiet bħal dawn jinkludu informazzjoni falza jew qarrieqa dwar:

l-eżistenza jew in-natura tal-prodott;

il-karatteristiċi ewlenin tal-prodott (id-disponibbiltà, il-benefiċċji, ir-riskji, il-kompożizzjoni, l-oriġini ġeografika, ir-riżultati li wieħed jistenna mill-użu tiegħu, eċċ.);

il-firxa tal-impjenji min-naħa tan-negozjant (f'kodiċijiet ta' kondotta li n-negozjant qabel li jimxi magħhom);

Il-prezz jew l-eżistenza ta' vantaġġ speċifiku fil-prezz;

il-bżonn ta' servizz jew tiswija.

Ommisjoni qarrieqa

Prattika hija qarrieqa wkoll meta tagħrif importanti meħtieġ mill-konsumatur medju biex ikun jista' jieħu deċiżjoni transazzjonali informata ma tiġix inkluża jew tiġi pprovduta b'mod mhux ċar, li ma jintgħarafax, ambigwu jew mhux fil-ħin u din probabbli li twassal sabiex il-konsumatur jieħu deċiżjoni ta' xiri li ma kienx jieħu f'ċirkostanzi oħra.

Il-prattiċi kummerċjali aggressivi

Id-deċiżjonijiet transazzjonali għandhom jittieħdu b'mod liberu mill-konsumatur. Prattika hija aggressiva u inġusta jekk, permezz ta' fastidju, kostrizzjoni jew b' influwenza mhux dovuta*, tfixkel b'mod sinifikanti l-libertà tal-għażla tal-konsumatur medju, u għiegħlu jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f' ċirkostanzi oħra.

Għandhom jiġu kkunsidrati diversi elementi sabiex jiġi stabbilit jekk prattika kummerċjali hijiex aggressiva jew le. Dawn jinkludu:

in-natura, il-lok, u l-persistenza tiegħu;

l-użu possibbli ta' lingwaġġ jew imġiba ta' theddid jew ta' abbuż;

l-isfruttament min-negozjant ta' kwalunkwe ċirkostanza speċifika ta' tali gravità (eż. mewta jew marda serja) li tfixkel il-ġudizzju tal-konsumatur sabiex

jinfluenza d-deċiżjoni tal-konsumatur fir-rigward tal-prodott;

kwalunkwe kundizzjoni mhux kuntrattwali sproporzjonata imposta fuq il-konsumatur li jkun jixtieq jeżerċita d-drittijiet kuntrattwali tagħhom (eż. tħassir tal-kuntratt jew bdil ta' kuntratt).

Anness I tad-direttiva jinkludi lista ta' 31 prattiċi kummerċjali li huma kkunsidrati inġusti f'kull ċirkostanza.

Applikazzjoni - Valutazzjoni

Fl-2013 il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat l-ewwel **valutazzjoni** dwar kif il-pajjiżi tal-UE kienu qed japplikaw id-direttiva kif ukoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet meħtieġa għall-massimizzazzjoni tal-benefiċċji tagħha. Innutat li l-awtoritajiet nazzjonali setgħu jrażżnu medda wiesgħa ta' prattiċi kummerċjali qarrieqa u aggressivi. Intwera li l-qafas legali tagħha kien adatt biex jiżgura l-ġustizzja tal-prattiċi onlajn għodda li qed jiżviluppaw b'mod parallel mal-evoluzzjoni tat-tekniki tal-bejgħ permezz tar-reklamar. Madankollu, il-valutazzjoni turi li hemm bżonn ta' aktar f'idma biex jiġi ggarantit livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, b'mod partikolari fil-kummerċ transkonfinali.

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' appoġġ ikkonkludiet li hemm il-bżonn ta' infurzar iktar strett u konsistenti tar-regoli tad-direttiva f'oqsma bħall-ivvjaġġar, it-trasport, is-servizzi diġitali, onlajn u finanzjarji, u l-proprjetà immobbli.

Dokument ta' gwida u bażi ta' data

Fl-2016, il-Kummissjoni ħarġet **gwida** aġġornata dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-direttiva. Tispjega l-kunċetti u r-regoli prinċipali u tagħti eżempji prattiċi meħudin minn ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u mill-qrati u l-amministrazzjonijiet nazzjonali biex jiġi ffaċilitat l-infurzar għall-awtoritajiet nazzjonali u biex tiġi żgurata ċertezza legali ikbar għan-negozjanti.

Il-Kummissjoni għabret database aċċessibbli pubblikament tal-liġijiet tal-pajjiżi tal-UE li jinkorporaw id-direttiva kif ukoll il-ġurisprudenza, deċiżjonijiet amministrattivi, referenzi għal-letteratura legali relatata u materjali rilevanti oħrajn. B'dan il-mod, id-deċiżjonijiet u l-ġudizzji tal-pajjiżi tal-UE jistgħu jiġu mqabbla. Id-database tista' tiġi aċċessata mill-**portal tal-e-Ġustizzja** fl-2017.

META TAPPLIKA D-DIRETTIVA?

Din ilha tapplika mit-12 ta' Diċembru 2007. Il-pajjiżi tal-UE kellhom jinkorporawha fil-liġi nazzjonali sat-12 ta' Ġunju 2007.

SFOND

Għal aktar informazzjoni, ara:

"Direttiva dwar prattiċi kummerċjali żleali" fuq il-websajt tal-Kummissjoni Ewropea.

*** TERMINI EWLENIN**

Diliġenza professjonali: I-istandard ta' ħila u kura speċjali li negozjant hu raġonevolment mistenni li jeżerċita fir-rigward ta' konsumaturi, proporzjonat ma' prattiċi onesti tas-suq u/jew mal-prinċipju ġenerali tal-bona fede fil-qasam ta' attività tan-negozjant.

Konsumatur: individwu li, fi prattiċi kummerċjali koperti minn din id-direttiva, qed jaġixxi għal skopijiet li mhumiex parti mill-kummerċ, min-negozju, mis-sengħa jew mill-professjoni tiegħu.

Inflwenza mhux dovuta: I-isfruttament ta' pożizzjoni ta' poter fir-rigward tal-konsumatur għall-applikazzjoni ta' pressjoni, inkluż mingħajr ma tintuża jew mingħajr theddid li tintuża l-forza fiżika, b'tali mod li tillimita b'mod sinifikanti l-abilità tal-konsumatur li jieħu deċiżjoni informata.

DOKUMENT EWLIENI

Id-Direttiva 2005/29/KE [2005/29/KE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali") (ĠU L 149, 11.6.2005, pp. 22-39)

L-emendi suċċessivi għad-Direttiva 2005/29/KE ġew inkorporati fit-test oriġinali. Din il-[verżjoni konsolidata](#) hija biss ta' valur dokumentarju.

DOKUMENTI RELATATI

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Prattiċi Kummerċjali Żleali - Niksbu livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur - Nibnu l-fiduċja fis-Suq Intern ([COM\(2013\) 138 final](#), 14.3.2013)

Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew - L-ewwel rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali") ([COM\(2013\) 139 final](#), 14.3.2013)

Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni - Gwida dwar l-implimentazzjoni/l-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/29/KE dwar prattiċi kummerċjali żleali - Li jakkumpanja d-dokument - Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni — Approċċ komprensiv għall-istimulazzjoni tal-kummerċ elettroniku transkonfinali għaċ-ċittadini u n-negozji Ewropej ([SWD\(2016\) 163 final](#), 25.5.2016)

L-aħħar aġġornament: 24/03/2022

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.